

## Il-faqar enerġetiku jeżisti fil-muniċipalit ta' tiegħi? Fejn hu kkonċentrat u kemm huwa gravi? Min huma dawk l-aktar affettwati? X'inhuma l-aktar fatturi determinanti sinifikanti?

Sinjali ta' twissija tal-preżenza possibbli tal-faqar enerġetiku jistgħu jiġu minn kullimkien. Din tista' tkun informazzjoni li tintbagħat mis-servizzi soċjali dwar għadd sinifikanti ta' djar li jitolbu l-assistenza minħabba kontinwitt tal-enerġija għoljin ħafna, jew jista' jkun li rajt ir-rapport nazzjonali dwar il-faqar enerġetiku u tissuspetta li l-muniċipalit tiegħek tista' tkun affettwata. Id-dijanżosi hija l-bidu ta' serje ta' attivitjiet li jikkompromettu l-mitigazzjoni tal-faqar enerġetiku, u hija fundamentali biex wieħed jifhem il-kawżi prinċipali.

Id-Ċentru ta' Konsulenza dwar il-Faqar Enerġetiku jipproponi **7 passi prattiċi biex tingħata l-għajjn lill-muniċipalitjiet fl-isforzi tagħhom biex jibdeu janalizzaw u jindirizzaw il-faqar enerġetiku**, minkejja l-ambjenti ġeografiki, kulturali u ekonomiċi. Tista' tuża dawn il-passi bħala lista ta' kontroll jew ktieb tar-riċetti u tibda minn dawk l-aktar rilevanti. Il-qalba tal-metodoloġija tista' tkun imfassla skont il-kuntest tiegħek u b'hekk tingħata appoġġ biex tiżviluppa sett robust ta' azzjonijiet, jew biex tinkludi l-faqar enerġetiku fil-pjanijiet eżistenti tiegħek dwar il-klima u l-enerġija. Fi tmiem din l-ewwel fażi, int se jkollok għad-dispożizzjoni tiegħek rapport komplet dwar "Dijanżosi tal-faqar enerġetiku lokali" li effettivament se jgħinek mhux biss fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imma wkoll biex tinvolvi network usa' ta' partijiet interessati, abbażi ta' evidenza konkreta.

**Mela ejja nibdeu nagħtu ħarsa lejn il-passi għal dijanżosi ta' faqar enerġetiku.**

## 7 passi prattiċi għal dijanżosi tal-faqar enerġetiku - Il-gwida ta' tagħlim ta' Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku (Energy Poverty Advisory Hub)



IBDA L-VJAĠĠ  
TIEGĦEK HAWN

# Kuntest u Koordinazzjoni

## L-1 pass - Ifhem il-kumplessità tal-faqar enerġetiku



### Objettiv:

**Ifhem is-suġġett aktar fil-fond**

Ibda billi tikseb rendikont ġenerali dwar kif il-faqar enerġetiku hu manifest fil-muniċipalitá. Aqra dwar x'inhu l-faqar enerġetiku, il-kawżi, l-inċentivi, il-konsegwenzi u dak kollu li huwa involut meta tiġi biex tingħata dijanjosi għal din l-isfida. Matul ir-riċerka tiegħek se ssib diversi publikazzjonijiet u materjal ta' taġħlim li jistgħu jkunu utli fi stadji differenti.



### Attività:

**Oħloq lista tar-riżorsi kollha disponibbli.**



## It-2 pass - Identifika u involvi lill-partijiet interessati



### Objettiv:

**Stabilixxi Grupp ta' Ħidma**

Il-faqar enerġetiku jaffettwa lil diversi sferi tas-soċjetá, inkluż is-setturi soċjali, tal-enerġija, tal-akkomodazzjoni, tas-saħħa u ambjentali. Sabiex tiżgura li taċċessa perspettivi differenti, ibda ngħaqad ma' partijiet interessati interni (minn dipartimenti oħra) u esterni (barra mill-amministrazzjoni tal-muniċipalitá). Mal-partijiet interessati interni, ikkunsidra li toħloq grupp ta' ħidma bejn id-dipartimenti, bil-kapaċità li jwassal diversi perspettivi tekniċi u soċjali għad-dijanjosi.

Flimkien mal-partijiet interessati esterni, tkellem ma' esperti lokali, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetá Ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi, Servizzi Soċjali, Kooperattivi, Ċentri ta' Riċerka, Universitajiet, Aġenziji/Kumpaniji tal-Enerġija, Banek, Fondi ta' Investiment, intrapriżi żgħira u medji, eċċ. biex tesplora l-possibilitajiet ta' kollaborazzjoni.



### Attività:

**Attività: Qassam il-partijiet interessati interni u esterni u organizza laqgħat biex tidentifika sinerġiji potenzjali.**

## Minn Informazzjoni għal Defnizzjoni

### Ir-4 pass - Iddefinixxi l-informazzjoni li int se tiġbor: indikaturi rilevanti u sorsi oħra

#### It-3 pass - Stabbilixxi u analizza ipoteżi

##### Objettiv:

**Iddeskrivi did-dettall l-osservazzjoni oriġinali b'elementi addizzjonali**

Minkejja dak li qajjem l-interess tiegħek biex tagħti dijanjosi tal-faqar enerġetiku, huwa utli li tgħaqqad flimkien l-ipoteżijiet differenti, għax dan jista' jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-osservazzjoni tal-bidu. F'dan l-istadju se tibni fuq l-esperjenza prattika u l-għarfien tal-gruppi ta' ħidma fir-rigward tal-isfidi lokali u l-provvista ta' appoġġ lil ċittadini vulnerabbli. Barra minn dan, int se tgħaqqad dan mal-informazzjoni li tkun ksbibt mir-riċerka li tkun wettaq (l-1 pass) biex tiddeċiedi sett ta' ipoteżijiet relatati mal-kwistjonijiet potenzjali li se jkunu investigati.

##### Attività:

**Oĥloq lista ta' ipoteżijiet u analizza kemm huma robusti. Eżempju:**

**Ipothezi:** Aħna nemmnu li jista' jkun hemm faqar enerġetiku f'viċinat X minħabba l-kwalità ħażina tad-djar

**Mistoqsijiet:** X'inhuma l-problemi ta' dawn id-djar (insulazzjoni tas-saqaf, bini antik, sistema ta' tišhin antika, eċċ.)? Għaliex ma ġewx irranġati?

**Informazzjoni ta' appoġġ:** Disponibbli.

##### Objettiv:

**Kejjel l-impatt fuq livell lokali**

Indikaturi huma essenzjalment mod kif nissorveljaw l-isforzi tagħna u għalhekk huma utli biex jiggrawidaw u/jew jaġġustaw l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati. L-indikaturi tal-faqar enerġetiku magħżula għandhom ikunu taħlita ta' elementi kwalitattivi u kwantitattivi, filwaqt li niftakru li dawn għandhom ikunu adattati għall-monitoraġġ tal-impatt lokali u jipprovdu livell ta' flessibilità u varjetà biex ikollna stampa ċara tal-vulnerabilità tal-popolazzjoni. Dawn għandhom jirrappreżentaw aspetti differenti tal-problema u jipprovdu riżultati informattivi. Fl-istess ħin, wieħed għandu jżomm f'moħħu d-disponibilità tal-baġit. Jista' jkun diffiċli li wieħed jiddefinixxi indikatur li huwa rappreżentattiv, li jista' jitkejjel u preċiż. Punt ta' tluq tajjeb hu li wieħed jagħti ħarsa lejn is-settijiet disponibbli ta' 56 indikatur ta' faqar enerġetiku lokali proposti mill-Għaqda tas-Sindki flimkien mal-EPAH.

##### Attività:

**Identifika sett ta' indikaturi li jista' jkun adattat għall-kuntest lokali tiegħek, u vvaluta jekk dawn jistgħux ikunu utli biex jiprovdu risposta fir-rigward tal-ipoteżi tiegħek.**

# Minn Informazzjoni għal Defnizzjoni

## Il-5 pass - Iġbor data u evidenza addizzjonali

### Objettiv:

#### Integra l-informazzjoni li għandek

F'dan il-pass huwa l-waqt li tftitex id-data li tindirizza l-mistoqsijiet li jsiru fir-rigward tal-ipoteżijiet u li jistgħu jkunu assoċjati mal-indikaturi magħżula. Huwa importanti li tivverifika li d-data tirrispetta ċerti prinċipji bażiċi bħal pereżempju **Distribuzzjoni ġeografika**. Id-data u l-evidenza miġbura għandhom ikunu disponibbli fl-iskala tal-interess tiegħek. Oqgħod attent li ma tnaqqasx l-importanza ta' ċerta data għax dan jista' jwassal għal interpretazzjoni ħażina. It-**qassim tal-ħin** huwa wkoll importanti sabiex ikun verifikat li s-sett tad-data huwa disponibbli għal perjodi differenti biex wieħed ikun jista' jifhem it-tendenzi. Barra minn dan, huwa importanti li tiżgura li d-data tkun aġġornata fil-futur biex ikunu jistgħu jiġu monitorjati l-bidliet u l-effettività tal-azzjonijiet tiegħek. Fl-aħħar, **il-Validità u l-Affidabilità**, speċjalment jekk id-data ma tinġabarx direttament minnek imma hija pprovduta minn entitajiet esterni. Huwa neċessarju li tivvalida r-riżorsi u tiżgura ruħek li dawn huma affidabbli, pereżempju, kun ċert li d-data kwantitattiva li tkun iġabret tirrispetta l-prinċipji statistiċi.

### Attività:

**Wara li tirrevedi d-data diġà eżistenti, iwwaluta jekk għandekx bżonn aktar data li tista' tiġbor permezz ta' statistika nazzjonali, sħarriġ, intervisti u gruppi fokali, fost l-oħrajn.**

## Is-6 pass - L-ipproċessar tal-informazzjoni u tad-data

### Objettiv:

#### Ara r-rabtiet bejn l-ipoteżi, l-indikaturi u l-informazzjoni

Wara l-għażla tal-indikaturi u l-ġbir tad-data li tirrappreżentahom b'mod adegwat, huwa l-ħin li tirrevedi l-ipoteżijiet stabbiliti fil-Pass 3. M'hemm l-ebda mod wieħed tajjeb biex tanalizza d-data. Tista' tidentifika sett ta' indikaturi u tħares lejhom individwalment, jew tqabbilhom ma' xulxin, jew tista' tikkunsidrahom flimkien. Tista' **terġa' tanalizza l-ipoteżi** fid-dawl tar-riżultati l-ġodda li tkun kisbt, u tiddiskutihom mal-grupp ta' ħidma stabbilit tiegħek.

### Attività:

**Iddisinja tabella bl-ipoteżi, indikaturi, sett tad-data u għaqquad kull waħda mill-ipoteżijiet mal-indikaturi speċifiċi u s-sett tad-data meħtieġ biex tissorveljah.**

## Biex tiffinalizza



### Is-7 pass - Iddefinixxi l-faqar enerġetiku lokali tiegħek u kkomunikah



#### Objettiv:

**Ikkonkludi l-ewwel fażi filwaqt li żżomm rendikont tal-proċess u taqşam l-informazzjoni prinċipali.**

Issa li għandek l-elementi differenti kollha, sar il-waqt li nikkonkludu l-fażi tad-dijanżosi b'rapport strutturat li jintraċċa l-metodoloġija adottata u l-passi li jkunu saru. Dan jagħmilha aktar faċli li niftakru dak li jkun sar u jagħmel il-proċess aktar ċar għal persuna esterna li tixtieq tifhem kif int tkun wettaqt id-dijanżosi. Matul din il-fażi se jkollok bżonn tifhem kif tqassam l-informazzjoni sabiex tappella għal udjenzi differenti li jistgħu jappoġġjaw l-azzjonijiet proposti. Il-fatt li tkun tista' tikkomunika huwa għodda b'saħħitha biex tikseb konsensus, timmobilizza r-rieda politika u/jew tikseb fondi. Biex tikseb dan, identifika l-messaġġi ewlenin li trid tgħaddi u ddefinixxi l-udjenza(i) fil-mira.



#### Attività:

**Ikteb l-abbozz tar-rapport tad-dijanżosi tiegħek dwar il-faqar enerġetiku u aqsmu mad-diversi partijiet interessati biex tikseb l-opinjoni tagħhom. Aħtar persuna ċentrali biex tiffinalizza l-editjar, u ibda aħseb dwar il-fażi li jmiss: l-ippjanar tal-azzjonijiet.**



Dan id-dokument huwa prodott miċ-[Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku \(EPAH\)](#), l-inizjattiva ewlenija tal-UE mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea fuq talba tal-Parlament Ewropew. Il-kontenut huwa bbażat fuq il-["EPAH Handbook 1: Gwida għal Dijanżosi tal-Faqar Enerġetiku"](#) li huwa parti mill-["EPAH Handbooks: Gwida biex Nifhmu u Nindirizzaw il-Faqar Enerġetiku"](#). Serje ta' manwali prattiċi għall-gvernijiet lokali u prattikanti għandha l-għan li tassisti lill-gvernijiet lokali biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku filwaqt li jiżguraw li d-dimensjonijiet soċjali tat-tranżizzjoni tal-enerġija jiġu indirizzati b'mod effiċjenti.

Data tal-pubblikazzjoni: Settembru 2023